MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1198/1997/1

Marie Louise Vella
vs
AirMalta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod partikolari bejn Dicembru tal-1991 u Marzu tal-1992, garrbet ingustizzja billi giet imcahhda minn promozzjoni li kienet timmerita.

Illi fil-qosor, il-fatti tal-kaz kienu kif ser jinghad:

Illi r-rikorrenti kienet ilha fl-impieg mas-Socjeta` intimata sa mill-1978, f'diversi mansjonijiet fid-Dipartiment tal-Finanzi. Kienet mahtura bhala Assistent Officer fid-Data Processing Unit tat-taqsima tal-Finanzi. Kienet f'xi perjodi taqdi l-grad ta' "acting officer".

Illi f'Dicembru tal-1991, saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-promozzjoni fil-kariga ta' Officer Revenue Section. Ir-rikorrenti, bhala Assistent Officer u li kellha esperjenza wiesgha f'dan ix-xoghol, applikat, qaghdet ghall-ezami preskritt, u anke ghal interview. Imma meta hareg ir-rizultat thalliet barra mill-ghazla indebitament u dan bi ksur tal-kriterji stabbiliti fil-ftehim kollettiv, kif jista' jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh tar-rikors.

Illi ghalhekk, r-rikorrenti hasset li s-Socjeta` intimata mxiet maghha b'mod ingust fit-thollija barra taghha mill-hatra li ghaliha applikat u bl-ghazla ta' persuni ohrajn minflokha ta' inqas anzjanita`, kwalifki u esperjenza.

Illi r-rikorrenti, in sostenn ta' l-ilment taghha, kienet bi hsiebha tressaq ix-xhieda msemmija fil-lista indikat ghar-rigward taghhom dawk il-fatti marbuta mal-kaz li hija kienet tixtieq tistabilixxi permezz taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment taghha skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u tinghata rimedju billi jigi ordnat:

1. Tinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Officer fid-Dipartiment relattiv flimkien mal-beneficcji tal-anzjanita` marbuta maghha u dan b'effett minn Jannar tal-1992.

2. Jew li, f'kaz li tali rimedju ma jistax jinghatalha jigi ordnat hlas lir-rikorrenti ta' kumpens ammontanti ghal hamest elef lira jew dak l-ammont iehor verjuri li l-istess Tribunal joghgbu jiffissa, sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsara li r-rikorrenti garrbet kif fuq premess.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Air Malta Co. Ltd. li eccepiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti.

a) Illi r-rikorrenti ma kenitx intghazlet ghall-post ta’ Officer Revenue stante li kienet giet it-tnax il-wahda (App. A).

b) Illi l-Bord tal-Appelli ma kienx laqa’ l-ilment taghha (App. B)

c) Illi skond il-Collective Agreement seniority hija wahda biss mill-kwalitajiet li jaghmluha eligibbli ghall-promozzjoni.

2. Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-lista ta’ xhieda u dokumenti tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.
Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrenti pprezentat affidavit fejn ikkonfermat il-fatti msemmija fir-rikors. Ikkonfermat li f’Dicembru 1991 l-Air Malta kienet harget sejha interna ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta’ Officer u Assistent Officer fl-istess Dipartiment tal-Finanzi fejn kienet tahdem hi. Hi kienet applikat u ntalbet tidher ghal intervista. Sostniet li waqt l-intervista ndunat li peress li kienet fil-hames xhur tat-tqala xi whud minn dawk li kienu qedghin jaghmlu l-interview kienu aktar interessati fil-fatt li kienet tqila u ma tantx taw kaz tal-hila u l-esperjenza li kellha matul tant snin ta’ xoghol mal-kumpanija. Hadd mill-persuni li intervista ma kien jafha direttament fuq ix-xoghol taghha u b’hekk ma setghux jiggudikawha sewwa. Waqt illi whud minn dawk li kienu gew maghzulin, kienu qed jaghmlu l-intervisti kien hemm superjur dirett taghhom jew kien jahdem maghhom. Kienu applikaw wiehed u ghoxrin ruh u 8 kienu gew accettati u hi kienet giet it-12-il wahda.

Wara li saret l-ghazla kien sar Bord tal-Appell biex jifli jekk sarux ghazliet li kienu misthoqqa u hi kitbet lill-kumpanija f'Marzu tal-1992 biex tressaq l-ilment taghha. Minn dan irrizulta li min ghamel l-intervista kien kiser il-kriterji tal-Ftehim Kollettiv meta ghamel l-evalwazzjoni tal-kandidati. Irrizulta wkoll li l-anqas biss kienu raw il-file personali taghha, li ghal persuni li ma kenitx tahdem maghhom, kienet haga essenzjali li jaghmlu jekk riedu jaghmlu gudizzju sewwa dwarha. Sostniet li l-ebda wahda mit-tnax-il persuna li spiccaw qabilha ma kienu ilhom mal-kumpanija izjed minnha, izda kollha dahlu mal-kumpanija warajha. Qalet illi sa meta minhabba ragunijiet personali kellha titlaq mill-impieg taghha minn ma' l-Air Malta, kienet ghadha ma nghatatx il-hatra ta' Officer u l-anqas ebda rimedju iehor.

In kontro-ezami semmiet illi dwar is-Substitution Duties li kienet taghmel mas-socjeta` intimata hija dejjem thallset tieghu. F'dawn l-okkazzjonijiet hi kienet taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u dawn specjalment f'kazijiet ta' leave, sick leave ta' persuni ohra. Fil-fatt minn ezami tad-dokumenti li gew esebiti mir-rikorrenti jirrizulta li dawn il-granet ma kienux kwantita` kbira. Specifikat li kien hemm diversi applikanti li kienu jahdmu direttament taht Tony Zammit. Hawnhekk semmiet lil Paolo Busuttil, Susan Zammit, Tania Bonnici u Joe Gauci u li ghalhekk dawn kellhom vantagg kbir illi fil-fatt il-persuna li kienet qed taghmel l-interview kienet taf dwar il-kapacitajiet taghhom.

Gie esebit il-ftheim kollettiv li kien jezisti bejn il-General Workers Union u s-socjeta` intimata li kien in vigore fil-perjodu li fih ir-rikorrenti allegat li ghamlet is-substitution duties. Minn dan il-ftehim kollettiv jirrizulta li l-Artiklu 9 jitkellem proprju fuq Promotions and Filling of Vacancies u jghid a fol 31 tal-process illi:

"The making promotions and /or filling of vacancies, the company considers the qualifications of the job, giving due consideration to ability, efficiency and seniority.

Promotions will be made as they occur and vacancies created shall normally be filled by not later than three (3) months.
First preference to fill vacancies in higher grades will normally be given to internal staff provided they possess the required qualifications and/or experience".

L-Artiklu 10 jitkellem fuq Reckoning of Seniority u jsemmi:

For the purpose of reckoning length of service where redundancies and/or promotions are concerned, length of service in a particular grade will be determined by the sole criterion of the date of first appointment to that grade, subject to the rules or break in service as set down below" u hemmhekk jispecifika.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk il-kaz in kwistjoni jirriferixxi ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li hija garbet ingustizzja billi giet imcahhda minn promozzjoni li kienet timmerita. Ir-rikorrenti kienet giet klassifikata fit-12-il posizzjoni wara interview li kien sar ghal post ta' Officer Revenue fejn fil-fatti intghazlu l-ewwel 8. Sostniet li hija batiet allavolja fil-fatt kellha seniority superjuri ghall-ohrajn u illi hadd minn dawk illi intervistawha ma kien jafha direttament fuq ix-xoghol taghha, kuntrarjament ghal xi whud minn dawk li effettivament hadu l-promozzjoni. Sostniet illi fl-intervista jigi evalwat l-andament tal-kandidat matul l-intervista u mhux il-kwalitajiet posittivi tal-kandidat. Saret riferenza ghall-Artiklu 9 tal-ftehim kollettiv li jinsab a fol 31 tal-process li minnu jirrizulta illi:

"In making promotions and /or filling of vacancies, the company considers the qualifications of the job, giving due consideration to ability, efficiency and seniority.
Irrizulta li r-rikorrenti kienet hadmet f'diversi oqsma tad-Dipartiment tal-Finanzi. Irrizulta li l-11-il kandidat li gew qabel ir-rikorrenti u li hadu l-promozzjoni in kwistjoni kienu wkoll gew impjegati mill-kumpanija wara r-rikorrenti u ghalhekk hija kienet anzjana fil-konfront taghhom. Irrizulta mir-rapport tal-Promotions Review Appeals a fol 5 tal-process li l-membri tal-bord naqsu serjament li jimxu ma'

dak li hu legalment mehtieg isir peress li l-Kumpanija hi marbuta b'kuntratt ghal fini ta' promozzjonijiet skond l-Artiklu 9 tal-ftehim ezistenti. Huma injoraw ukoll minghajr raguni gustifikanti li jaraw il-file personali u kunfidenzjali. Dan in-nuqqas zgur li hu ta' zvantagg ghar-rikorrenti. Hi ghandha tul relattiv aktar minn dawk kollha li gew promossi, dana wahdu diga` jispjega li r-rikorrenti giet imcahda minn haga li hi legalment ghandha dritt ghalih. Dan il-fattur wahdu kien element favur taghha.

It-Tribunal ihoss li certament il-fatt illi kollox gie deciz a bazi ta' interview u li fl-interview kien hemm persuni li kienu jahdmu direttament taht l-ezaminaturi waqt illi hi ma kellhiex dak il-kuntatt personali u allura l-possibilita' vantaggjuza li l-elementi pozittivi taghha jistghu jkunu maghrufa. Illi l-ezaminaturi ghamlu nuqqas kbir meta injoraw li jaraw il-files personali ta' l-applikanti u dana senjatament meta l-ftehim kollettiv jistipula li wiehed mill-elementi importanti huwa proprju s-seniority. Meta r-rikorrenti nqabzet minn tant persuni ohra cioe` 11-il persuna ohra jrid ikun hemm raguni valida ghal dan u ghalhekk jinkombi fuq il-bord ta' intervista li jezamina ghaliex ir-rikorrenti kienet sejra tinqabez u f'wiehed minn dawn l-elementi biex jezamina zgur kien jinkombi fuq il-bord illi jara l-files personali tar-rikorrenti u ta' l-applikanti l-ohrajn pero` b'mod specjali dak tar-rikorrenti li kienet sejra tinqabez minn tant nies.

Illi dan it-Tribunal fil-fatt dwar l-aspett ta' seniority fil-kawza fl-ismijiet Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-

Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Illi ghalhekk mis-suespost it-Tribunal iqis illi l-ilment tar-rikorrenti huwa gustifikat fis-sens illi certament ir-rikorrenti batiet mill-fatt illi kuntrarjament ghal dak li hemm provdut fil-ftehim kollettiv u precizament fl-Artiklu 9 tieghu fejn isemmi li wiehed mill-elementi importanti hija s-seniority, dan milli jidher gie totalment traskurat, tant li ma jidher minn imkien fl-allokazzjoni tal-marki li gie b’xi mod meqjuz u ghalhekk jivvjola l-istess ftehim kollettiv. Inoltre l-files personali rispettivi tar-rikorrenti kif ukoll ta’ l-applikanti l-ohra ma gewx ezaminati mill-bord u dan kollu jikkostitwixxi ingustizzja fit-terminu ta’ l-Art 394. Illi pero` t-Tribunal jinnota illi kif jirrizulta mill-affidavit ta’ l-istess rikorrenti a fol 14 tal-process illi l-istess rikorrenti telqet l-impieg taghha. U ghalhekk illum il-gurnata huwa ferm aktar opportun illi minflok ma jinghata rimedju kumpensattiv ikun hemm rimedju ta’ kumpens finanzjarju.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intimata u peress li jidher illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata peress li f’dan il-kaz huwa iktar opportun li jinghata rimedju ta’ kumpens jirrikkmanda li jsir hlas ta’ kumpens mis-socjeta` intimata fl-ammont ta’ Lm1500.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.